MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 66/1989/1

**Nardu Balzan Imqareb**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-24 ta' Jannar 1989 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur twieled fit-tnejn ta' Mejju, elf disa' mija u sebgha u ghoxrin (1927) u fl-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru tlitt elef tliet mija u sitta u tmenin (3386/27) jinsab registrat bl-isem u kunjom "Balzan Leonardo" (Ara Dok. A);

U premess illi r-Registru Pubbliku huwa suggett ghal-ligijiet ohra, tant li ghalkemm l-attur jinsab registrat f' dan ir-Registru bl-isem "Leonardo", jista' jigbed ic-certifikat tat-twelid minn dan l-istess Registru bl-isem "Nardu" (Ara Dok. B);

U premess illi l-attur fuq digriet ta' l-Ufficjal Revizur gie registrat fuq ir-Registru Elettorali bl-isem u kunjom "Balzan Imqareb Nardu" (Ara Dok. C);

U premess illi r-Registru Elettorali huwa legali daqs ir-Registru Pubbliku, tant li ghalkemm il-Karta ta' l-Idendita` ta' l-attur iggib in-numru 338627, li huwa n-numru ta' l-Att tat-Twelid ta' l-attur registrat fuq ir-Registru Pubbliku, l-isem u l-kunjom ta' l-attur ta' fuq il-Karta ta' l-Identita li huwa "Balzan Imqareb Nardu", huwa dak mehud minn fuq ir-Registru Elettorali (Ara Dok. D);

U premess illi skond l-Artikolu 8 tal-ligi dwar il-Karta ta' l-Identita, kull awtorita` li tagixxi f' isem xi ligi trid tirrikonoxxi l-Karta ta' l-Identita;

U premess illi skond l-Artikolu 253 (2) u (3) tal-Kapitolu 16 tal-Kodici Civili, li jaghti d-dritt lill-attur jaghmel talba lill-Qorti ghar-registrazzjoni ta' l-isem u tal-kunjom li konsistentement kien legalment imsejjah bihom;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li "Nardu" u mhux "Leonardo" huwa l-isem li l-attur minn dejjem uza ghalih innifsu u li kien minn dejjem u konsistentement maghruf bih sallum;

2. Tordna li l-isem "Leonardo" kull fejn jidher fl-Att tat-Twelid ta' l-attur numru 3386/27, jigi mibdul ma' l-isem "Nardu"; u dan ghandu jigi rifless f' kull att ta' l-Istat Civili relattiv;

3. Tiddikjara li kunjom l-attur, kif gie maghruf ufficjalment u legalment, huwa "Balzan Imqareb" u mhux biss "Balzan";

4. Tordna li l-kunjom “Balzan” li jidher fl-Att tat-Twelid ta’ l-attur numru 3386/27, jigi mibdul mal-kunjom “Balzan Imqareb” u dan ghandu jigi rifless f’ kull att ta’ l-Istat Civili relattiv;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fit-30 ta’ Gunju 1989, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi c-citazzjoni hija nulla billi qed issir mill-attur f’ isem u kunjom li sallum ma jappartjenux lilu skond il-ligi;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-tieni talba attrici hija insostenibbli stante li l-attur kellu jispecifika n-numru tar-registrazzjoni u s-sena relattivi ta’ l-atti ta’ l-istatus civili li ghalihom qed jaghmel riferenza;

3. Illi bla pregudizzju u subordinatament tas-suespost l-isem “Nardu” huwa abbrevjazzjoni ta’ l-isem “Leonardo” u ghalhekk ma tehtieg l-ebda korrezzjoni f’ dak is-sens;

4. Illi l-kunjom ta’ persuna ma jidhirx fl-att tat-twelid tieghu, jidher biss l-isem u kunjom il-genituri. Ma jirrizultax mill-premessi tac-citazzjoni li missier l-attur kien kunjomu “Balzan Imqareb” u mhux “Balzan”, u ghalhekk ir-raba’ talba ma tistax tigi milqugha;

5. Illi l-esponenti mhux il-kontradittur legittimu rigward it-tielet domanda u *in ogni caso* dik id-domanda mhix proponibbli;

6. Illi ai termini ta’ l-Artikolu 253 (1) tal-Kodici Civili Kapitolu 16, it-tielet u r-raba’ talbiet attrici huma nsostenibbli stante li l-bdil mitlub fic-certifikat ta’ twelid ta’

Leonard Balzan numru 3386/1927 ma jikkonsistix la f' korrezzjoni, la f' thassir tar-registrazzjoni u lanqas f' registrazzjoni ta' att li inoltre l-ligi ma tikkontemplax ic-cirkostanzi fejn tista' ssir talba ghal bdil tal-kunjom hlief skond l-Artikolu 92 tal-Kodici Civili, liema Artikolu jaghmel riferenza ghat-tfal illegittimi li mhux il-kaz ta' l-attur;

7. Illi huwa m' huwiex edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u jkunu sodisfacenti skond il-ligi;

8. Illi l-esponenti ma ghandux ibati spejjez;

9. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-noti ta' sottomisjonijietipprezentati mill-kontendenti;

Semghet lill-attur;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-kwestjoni nvoluta f' din il-kawza tikkoncerna l-pretensjoni ta' l-attur li jigi rettifikat l-Att tat-Twelid tieghu Numru progressiv 3386/1927 (fol. 4) ghal dak li jirrigwarda ismu u kunjomu. Bhala sostenn ghall-argomenti tieghu l-attur jistrieh essenzjalment fuq il-portata tal-Karta ta' l-Identita` tieghu Numru 338267(M) (Kopja esebita a fol. 7) u tar-Registru Elettorali (fol. 137) fejn ghal certu perjodu hu kien jidher registrat bhala votant bl-isem “Nardu Balzan

Imqareb". Ghal dawn l-argomenti jirrispondu l-konsiderazzjonijiet li ser isegwu;

Qabel xejn ma jistax ikun dubitat illi l-isem tal-persuna f' ghajn il-ligi huwa ta' importanza vitali u ta' esigenza pubblicistika kemm bhala mezz ta' identifikazzjoni personali kemm bhala element distintiv tas-singola persuna fis-socjeta`. In kwantu tali l-isem hu soggett tad-dritt tutelabbli mil-ligi;

Dan l-isem jikkonsisti mill-<u>prenom</u> u mill-<u>kunjom</u>. Fil-lingwagg komuni l-prenom hu maghdud bhala l-'isem proprju' tal-persuna lilha moghtija fil-mument tat-twelid mill-genituri u membri familjari ohra. Minn naha l-ohra l-akkwist tal-kunjom jindika l-appartenenza tal-persuna ma' grupp familjari specifiku li jsehh bhala konsegwenza legali tar-rapport ta' filjazzjoni. Dan jirrizulta markatament minn dak preskritt fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 4 tal-Kodici Civili li, a propozitu, jistipula illi "ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom". Naturalment, fiz-zmien li fih twieled l-attur l-ulied kienu jassumu l-kunjom tal-missier in forza ta' regola li, ghalkemm mhux miktuba, kienet b' danakollu implicita fis-sistema u f' certi disposizzjonijiet tal-Kodici Civili meta kien ivigi r-regim tal-*patria potesta`.* Dan kien, u hu hekk, il-kaz fejn jidhlu tfal legittimi in kwantu fil-kaz ta' ulied naturali normalment, sakemm ma kienx ikun hemm rikonoxximent mill-missier, dawn jiehdu kunjom xbubit ommhom;

Kif maghruf, iz-zewg dokumenti ewlenin li solitament jaghtu fidi kemm lill-isem u l-kunjom tal-persuna huma r-registri parrokkjali tal-fidi battezimali in kwantu anke dawn jaghmlu prova legali tal-kontenut taghhom sa prova kuntrarja (Artikolu 629 (b), Kapitolu 12; **Kollez. Vol. XXXII P II p 387**), u l-Att tat-Twelid ta' l-Istat. U allura sakemm dak li jkun ma jezercitax b' success azzjoni ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid tieghu, hu b' dak l-isem u b' dak il-kunjom kontenut f' dawn l-atti li l-persuna tibqa' maghrufa ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Dan premess, jidher in linea ta' principju komunement accettat illi l-isem u l-kunjom li bihom persuna hi konoxxuta skond il-precitati atti ma jistghux jigu modifikati, hlief meta xort' ohra provvdut mil-ligi nnifisha. Dawn il-modifiki, meta konsentiti espressament mil-ligi, huma previsti f' dawk ic-cirkostanzi korrelatati maggorment ma' rapport familjari. Hekk per ezempju fil-kaz ta' zwieg fejn hu konoxxut lil mara li tiehu kunjom zewgha jew li zzid dan il-kunjom ma' kunjom xbubitha (Artikolu 4 (1) u (2) tal-Kodici Civili);

Fil-kaz ta' l-atti tat-twelid il-ligi tipprovdi ghal sitwazzjonijiet fejn il-kunjom jista' jinbidel. B' ezemplari nsibu l-Artikolu 110 (1) tal-Kapitolu 16 li jghid li "tifel legittimat b' digriet tal-qorti jiehu l-kunjom tal-genitur li fuq talba tieghu jkun gie legittimat". Hekk ukoll fil-kaz ta' tifel illegittimu li jkun gie maghruf mill-missier bhala ibnu (Artikolu 92) jew fil-kaz ta' adozzjoni fejn skond l-Artikolu 124 il-persuna adottata tiehu l-kunjom ta' l-adottant. Similment il-kunjom jista' jigi modifikat jew imhassar minn kif jidher fl-att tat-twelid b' konsegwenza ta' dikjarazzjoni gudizzjarja f' azzjoni ta' diskonoxximent jew *de negata paternita*`;

Huwa desumibbli minn dawn l-ezemplari illi fejn jokkorri u jkun jidher gustifikat il-korrezzjonijiet huma awtorizzati biex tigi mharsa dik ir-regolarita` legali li tfittex li telimina d-difformita` bejn dak li jkun jirrizulta mir-registri ta' l-istat civili u r-realta` effettiva. Naturalment, ukoll, il-ligi tippermetti rettifiki minhabba certi zbalji materjali jew nuqqasijiet fl-atti;

Premessi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt *in subjecta materia*, ma jidhirx illi fl-istat tal-ligi Maltija dak li jkun jista' bis-semplici volonta` tieghu jippretendi li jista' jibdel kunjomu jew jezigi rettifika f' dan is-sens anke jekk ghalih ikun jissarraf bhala xi sinjal distintiv ta' l-identita` tieghu. Kif rilevat proprju fis-sentenza fl-ismijiet "**Karmnu Balzan**

**Imqareb -vs- Margaret Mortimer *nomine***”, Appell Civili, 20 ta’ Novembru 1971, “ma huwiex regolari, fis-silenzju tal-ligi taghna, li *marte proprio* wiehed jadotta kunjom gdid jew kapriccjozament ivarja kunjomu fil-mentri li jinsab registrat taht kunjom iehor”;

Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet “**Joseph Cutajar -vs- Dr. John Scicluna *nomine***”, Appell Civili, 14 ta’ Frar 1947 u dik recensjuri fl-ismijiet “**Damian Damian-Schembri -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku**”, Appell, 16 ta’ Dicembru 2003;

L-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, ghal liema l-konvenut jaghmel espressa referenza kemm fl-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fis-sottomissjonijiet, jippresupponi zewg konsiderazzjonijiet. Il-wahda, li jirreferi restrittivament ghal talba ghall-korrezzjoni fl-isem biss, u t-tieni nett, illi si tratta ta’ att vizzjat minhabba xi rregolarita`;

It-talba hawn proposta mill-attur ma titrattax minn talba ghal sanatorja ghax kunjomu gie indikat zbaljatament fl-att tat-twelid izda minn pretiza li mal-kunjom originarju tieghu jzid l-agguntiv “Imqareb”. Jekk hemm bzonn jerga’ jigi ripetut, fl-istat attwali tal-ligi s-semplici xewqa jew volonta` ta’ dak li jkun mhix sufficcjenti biex kien min kien jippretendi bi dritt li ghandu jigi modifikat l-istat anagrafiku tieghu;

Gja fi zmenijiet ohra din il-Qorti kellha okkazjoni tosserva illi, anke jekk il-missier ghogbu bil-fakolta` lilu koncessa mil-ligi Ingliza jibdel il-kunjom tieghu “Cutajar” fi “Skee” dan ma kienx ifisser imbaghad illi huwa seta` jibdel il-kunjom originarju tat-tlitt ulied ghal dak gdid assunt minnu. Gie in effetti ragunat illi “*non e` ammissibile l’ azione con cui una persona, avendo per atto riconosciuto dalla legge inglese cambiato il proprio cognome, domanda l’ analoga correzione negli atti di nascita dei proprii figli perche tali atti non erano viziati di alcuna irregolarita` o incorrettezza*” - “**Alfredo Skee -vs- Notaro Salvatore Cremona *nomine et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 14 ta’ Dicembru 1927 (**Kollez. Vol. XXVI P II p 521**);

Issa din il-Qorti hi konxja mill-fatt illi f' certi setturi ta' attivita`, *ad exemplum*, artisti tal-palk jew tac-cinema, kantanti, kittieba, jew spjuni dawn solitament jivvintaw jew jadottaw psewdonimu ossija isem u kunjom differenti minn dak anagrafiku taghhom. Dan ghall-iskop li b' dan l-isem u kunjom ivvintat jaccentwaw, umbaghad, l-immagini taghhom u, ghaliex le, il-popolarita fil-kamp specifiku taghhom. B' danakollu, dment li l-ligi ma tipprovdix xort' ohra, dan ma jfissirx illi ghaldaqshekk huma intitolati jikkorregu l-isem u l-kunjom minn kif dan ikun registrat fl-atti civili. Dan anke jekk universalment u ghal zmien twil ikunu maghrufa b' dak il-psewdonimu. Hekk per ezempju Sofia Loren xorta baqghet Sofia Scicolone ghall-anagrafu, anke jekk popolarment maghrufa bil-kunjom artistiku taghha;

Bl-istess mod l-attur odjern, anke jekk ghamel uzu kostanti mill-aggunta ta' "Imqareb" f' kunjomu u li dan l-uzu kien ghal certu tul ta' zmien, u rikonoxxut lilu wkoll minn xi awtoritajiet - fatt dan li legalment ma kellu qatt jissucciedi - dan ma jfissirx illi b' daqshekk ghandu xi dritt li jippretendi varjazzjoni fl-istat anagrafiku tieghu. Dan anke ghaliex, kif maghruf, l-istitut tal-uzukapju mhuwiex applikabbli hlief f' materja ta' drittijiet reali. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tinjora r-realta` tac-Certifikat tat-Twelid mill-istess attur esebit (fol. 4) - li incidentalment, imkien ma jiddenota l-agguntiv ta' "Imqareb" wara l-kunjom (Balzan) ta' missieru - biex tikkuntenta lill-attur fl-ghazla kapriccjuza ta' l-attribut distintiv ivvintat bhala mezz ta' l-identita` tieghu. Il-ligi ma tikkonsenti l-ebda ghazla fakoltattiva bhal din. Din, anzi, tikkontrasta ma' norma imperattiva ta' l-istess ligi, *ex* Artikolu 4 (3) tal-Kodici Civili, kif fuq gja muri;

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li ghandha tammetti t-talba ta' l-attur ghall-korrezzjoni mitluba fil-kunjom anagrafiku tieghu. Fil-verita`, allahares kellha tippermetti li dan isir ghax allura mhux biss ikollok b' konsegwenza dik "id-dizordni u l-konfuzzjoni" li ssemmi s-sentenza a

**Vol. XXXIII P I p 6**, izda wkoll dizarmonija shiha ta' l-istatus socjali. Sitwazzjoni din, li l-ligi trid tevita li ssehh. Finalment kwantu ghat-talba ghat-tibdil fl-isem minn "Leonardo" ghal "Nardu" din il-Qorti, bir-rispett, ma tarax is-serjeta` ta' talba bhal din billi, kif tajjeb gie eccepit mill-konvenut, l-isem pretiz mill-attur mhu xejn hlief abbrevjament ta' l-isem "Leonardo" u ghalhekk l-ebda korrezzjoni ma hi strettament mehtiega.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq premessi tichad it-talbiet ta' l-attur ghall-korrezzjonijiet minnu mitluba fl-Att tat-Twelid tieghu. L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------